MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Numru 799/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**FRANCIS MIZZI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francis Mizzi ta' 44 sena, bin Tarcisio u Maria Dolores nee' Borg, imwieled Marsa fit-2 ta' Lulju 1962, residenti f'96, Triq Azzopardi, Marsa, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 440162(M) gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu f'dawn l-ahhar erba' snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula

b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-dannu ta' Lee Anthony Degiorgio minn Bormla u Dominic Grima mix-Xghajra;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ufficjali pubblici.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AG3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, iddikjara li f’din il-kawza ma gewx inkorsi tali spejjes u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba. Inoltre fl-istess Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, li l-imputat hallas lill-parte civile dak kollu dovut rigward dan il-kaz u li hu konsapevoli dwar l-istat hazin ta’ sahha tal-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Edward Gatt ghall-parte civile ikkonferma li l-imputat hallas lill-parte civile dak kollu dovut rigward dan il-kaz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(b) u 121A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Francis Mizzi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, li l-imputat hallas lill-parte civile dak kollu dovut rigward dan il-kaz u li hu konsapevoli dwar l-istat hazin ta’ sahha tal-imputat u li ukoll fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Edward Gatt ghall-parte civile ikkonferma li l-imputat hallas lill-parte civile dak kollu dovut rigward dan il-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Francis Mizzi ghall-piena komplessiva ta’ disa’ (9) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Francis Mizzi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inkwantu ghal dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum b’referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-

hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal-liema talba l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi tali spejjes u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Francis Mizzi l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------